KULLEĠĠ SAN TUMAS MORE

St Thomas College
Triq il-Kaħwiela
Santa Luċija
SLC1831
Tel No: 25986000
Email: stthomasmore.college@ilearn.edu.mt

Motto: ***Per Ardua Ad Astra*** ***Through hard work and perseverance to success*** ***Bil-ħidma u l-perseveranza, is-suċċess***

28 ta' Mejju, 2023

Għeżież Ġenituri/Kustodji,

L-uffiċċju tal-Prinċipal fi ħdan il-Kulleġġ San Tumas More, se jerġa' joffri l-***Walk-In Service*** tul ix-xhur tas-sajf. Id-dettalji ta' dan is-servizz huma dawn:

**<u>Servizz ta' Counselling għall-istudenti kollha li għandhom bżonnu:</u>**

Dan is-servizz se jkun qed jingħata mis-Sinjura Johanna Cutajar.

Dan is-servizz huwa mmirat għal dawk l-istudenti li matul is-sena kienu diġà qed ikellmu lill-*guidance teachers* jew il-*College Counsellor*, u għal oħrajn li jinqalgħalhom xi ħaġa matul ix-xhur tas-sajf u jħossu li għandhom ifittxu l-għajnuna u s-sapport.

F'dan il-każ ukoll, biex l-istudenti jirċievu dan is-servizz, iridu jċemplu fuq in-numru tat-telefown 25986027 bejn it-tmienja ta' filgħodu u s-siegħa (8.00a.m. – 1.00p.m.) ħalli jingħataw appuntament.

Inħeġġeġ lilkom ġenituri biex tħajru 'l uliedkom jagħmlu użu sħiħ u tajjeb minn dawn is-servizzi li qed noffru għall-ġid tat-tfal kollha li huma studenti fi ħdan il-Kulleġġ San Tumas.

Insellu għalikom u nawguraw lilkom ilkoll sajf utli u ta' mistrieħ.

***Johanna Cutajar***
Principal Counsellor
Warrant No. CCP 165